31996R2400

18.12.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 327/11

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2400/96

## tas-17 ta' Diċembru 1996

## dwar l-iskrizzjoni ta' ċerti ismijiet fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet geografiċi protetti" li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet geografiċi u denominazzjoni ta' oriġini għal prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju ta' l-1992 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet geografiċi u deskrizzjonijiet ta' oriġini għal prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, l-Istati Membri qiegħdu quddiem il-Kummissjoni applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' ċerti ismijiet bħala indikazzjonijiet geografiċi jew deskrizzjonijiet ta' oriġini;

Billi l-applikazzjonijiet instabu, skond l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament, li huma konformi mar-Regolament, b'mod notevoli illi huma jinkludu d-dettalji kollha stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament;

Billi ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament ma ġiet imressqa quddiem il-Kummissjoni bħala riżultat tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ta'l-ismijiet relattivi [2];

Billi, b'riżultat ta' dan, dawk l-ismijiet jistgħu jiddaħħlu fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta'oriġini u indikazzjonijiet protetti geografiċi" u għalhekk għandhom ikunu protetti f'kull parti tal-Komunità bħala indikazzjonijiet ġeografiċi jew denominazzjoni ta' oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

L-ismijiet fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma hawnhekk imdaħħla fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta'oriġini u indikazzjonijiet protetti geografiċi" bħala indikazzjonijiet protetti ġeografiċi (IPĠ) jew denominazzjoni protetti ta' oriġini (DPO) kif stabbilit fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU C, tat-3.5.1996, pp. 7, 9 u 10.

*L-ANNESS*

**PRODOTTI ELENKATI FL-ANNESS II TAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN**

**Laħam frisk u interjuri :**

SPANJA :

— Ternera Gallega (PGI)

**Prodotti b'baż̧i ta' laħam:**

IL-PORTUGALL:

— meqjus de Barrancos (PDO)

**Frott, ħaxix u ċereali:**

SPANJA:

— Berenjena de Almagro (PGI)

ID-DANIMARKA:

— Lammefjordsgulerod (PGI)